**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-22 ta' Marzu, 2019**

**SENTENZA PRELIMINARI**

**Talba Numru: 576/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista:**

**Gabriella Calleja (K.I.277670M)**

**fil-kapacita' taghha ta' Amministratur ta' Condominium**

**667, Entratura B, Binja Gublew tal-Fidda,**

**Triq George Tayar,**

**San Gwann SGN 3160**

**Vs**

**John Cutajar**

**Condominium 667, Entratura B, Flat 4 ,Binja Gublew tal-Fidda,**

**Triq George Tayar,**

**San Gwann SGN 3160**

It-Tribunal,

Re l-eccezzjoni preliminari mqajma mill-konvenut li permezz qed jeccepixxi li s alibi pendens in kwantu li l-istess pretenzjonijiet u l-istess talbiet abbazi tal-istess fatti u mertu

diga saru mill-attrici fil-kawza fl-ismijiet Gabriella Calleja vs John Cutajar talba numru 201/2016 f'liema process dan it-Tribunal kif diversament presedut permezz ta' digriet moghti fid-09 ta' Marzu, 2017 ordna li l-atti jigu trasferiti lil forum kompetenti.

Ra li t-talba tal-attrici tirrigwarda l-condominium tal-blokk li jinsab 667, Entratura B, Binja Gublew tal-Fidda, Triq Gorg Tabone, San Gwann u hija ghal-perjodu tas-sena 2018.

Ra li l-kawza msemmija fil-konvenut li a bazi taghha qed jaghmel din l-eccezzjoni tirrigwarda ammont dovut fis-sena 2016 zgur (fol 21 et).

Ra n-noti u dokumenti esebiti.

Semgha lill-partijiet jitrattaw.

Ikkunsidra

Li sabiex tintlaqa' l-eccezzjoni tal-konvenut dejjem gie ritenut li jridu jikkonkorru tlett elementi _ identita' tal-persuni, identita' tal-oggett u l-identita' tal-kawza (vide kawzi **Joseph Tanti vs Anthony Ciappara et** Vol 77 (1993) Par no 3 section, page 108 deciza fil-05 ta' April, 1993 Prim Awla kif ukoll il-kawza fl-ismijiet: (**Dottor Joseph Fenech noe vs Antonio Axiaq** et Vol 79(1995) Part No2 Section 1 page 352) deciza fit-08 ta' Marzu 1995 mill-Qorti tal-Qppell jew kif gew deskritti "eadem res, eadem personae u eadem causa pretenti".

Li fin-nuqqas tat-tlett elementi ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (nisi omni concurrunt alia res est). F'din il-kawza ghalkemm il-partijiet huma l-istess, l-ammont allegatament dovut jirrigwarda perjodu differenti. Inoltre jinghad ukoll li dan it-Tribunal mhux marbut ma' dak li jkun iddecieda l-istess Tribunal diversament presedut u ma naqbilx mal-interpretazzjoni moghtija tal-Kap 398 fis-sentenza citata minn l-istess konvenut u dan ghar-ragunijiet moghtija f'diversi decizjonijiet minn dan it-Tribunal kemm kif presedut u kif ukoll minn Chairpersons diversi kif kwotati minn l-istess attrici fin-nota taghha a fol 18 et fis-sens li din hija kawza ghal ammont allegatament dovut u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu kompetenza li jisma din l-kawza kif proposta mill-attrici.

Li ghalhekk dan it-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Av Anna Mallia**

**Gudikatur**